**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 04/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 18/02/2010 fit-8.10 pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| Camilleri Claude | Preżenti |
| Darmanin Richard | Assenti minħabba mard |
| Fenech Stephanie | Assenti minħabba xogħol |
| Hales Joseph | Preżenti |
| Pace Darrell | Preżenti |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Assenti minħabba mard |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**04. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Proponent:Camilleri<br>Sekondant:Hales | **Il-Minuti 03/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 03.9.1 | Minflok 'pjanta tad-dawl', jidħlu l-kliem 'compliance certificate'. | | |
| | 03.11.12 | Minflok il-kelma 'Istitut', tidħol il-kelma 'Creche'. | | |
| 04. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | 03.2.2 | Camilleri: Attivita' tal-Karnival | Camilleri informa lill-Kunsill li minflok l-attivita' tal-Karnival, ser issir għotja ta' flus sabiex jinxtraw kotba għal kull klassi ta' year 4 jew year 6. Il-Viċi-Sindku fakkret li ser issir preżentazzjoni dwar is-separazzjoni ta' l-iskart lill-istudenti ta' skola primarja B għada 19 ta' Frar fid-9am. | Camilleri |
| 04. 2. 2 | 03.2.6 | Sindku: Kwotazzjonijiet għal Solar Water Pump | Is-Sindku staqsa jekk saritx evalwazzjoni mill-Adjudicating Board dwar il-kwotazzjonijiet li daħlu għal solar water pump. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Viċi-Sindku<br>Hales<br>Wille Piscopo |
| 04. 2. 3 | 03.2.8 | Viċi-Sindku: WIFI | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk sarx kuntatt ma' l-MCA biex isir magħruf jekk kienx hemm xi kunsilli lokali li bbenifikaw mill-iskema li ħarġet l-MCA. Is-Segretarjat wieġeb li skond l-MCA l-Kunsilli Lokali li bbenfikaw jew sabu sponsor jew inkella ħallsu Eur75 fix-xahar. | Pace |
| 04. 2. 4 | 03.2.9 | Pace: Tkabbir tas-Suq | Pace informa lill-Kunsill li tkellem ma' l-Onor Jason Azzopardi dwar it-tkabbir tas-Suq fejn dan ikkonferma li m'hemmx problemi min-naħa tiegħu iżda jista' jagħti l-każ li hemm xi awtorita' li qed toġġezzjona. | Pace |
| 04. 2. 5 | 03.2.11 | Sindku: Pulizija | Is-Sindku talab li tintbagħat ittra lill-Pulizija biex il-Kunsill isib aktar appoġġ mill-pulizija tal-lokal. | Darmanin |
| 04. 2. 6 | 03.2.12 | Sindku: Sleeping Policemen | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jibda xogħol fuq twaħħil ta' sleeping policemen madwar il-lokalita' kif imsemmi fil-laqgħa preċedenti fil-ġimgħat li ġejjin. | Darmanin |
| 04. 2. 7 | 03.2.15 | Sindku: Żjara tal-president | Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jikkonferma d-dati taż-żjara tal-President sabiex b'hekk ikun jista' jiġi kkonfermat il-ftuħ ta' Ġnien iż-Żgħożija. | Segrtarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 8 | 03.6.1 | Viċi-Sindku: Uffiċċju tas-Sigurta Soċjali | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill li l-impjegati tas-sigurta' soċjali li qed jaħdmu mill-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill b'mod tempranju jinsabu kuntenti iżda diżappuntati li x-xogħol min-naħa tal-Gvern fuq il-post propju tagħhom ma bediex. L-unika rimarka li għamlu kienet in-nuqqas ta' privacy li għandhom in-nies li jiġu biex jinqdew mill-uffiċċju imsemmi. | |
| 04. | 2. | 9 | 03.7.1 | Hales: Embellishment Pjazza Repubblika | Hales staqsa jekk il-ballavostri ta' fuq iz-zuntier jistgħux jinbidlu u jsiru oħrajn tal-ħadid kif kienu oriġinarjament. Is-Sindku qal li diffiċli biex jinbidlu u Seychell stqarr li meta kienu tal-ħadid kien hemm min weġġa magħhom. Is-Sindku qal li kulma jonqosna biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni quddiem il-MEPA hija kif ser isir il-pavimentar. Dan qed isir biex meta d-DLG joħroġ l-applikazzjoni għall-proġetti tal-pjazzez, il-Kunsill ikun jista' jitfa' l-applikazzjoni tiegħu ħalli hekk jikseb fondi għal dan il-proġett, liema proġett ma jistax isir jekk ma jiksibx fondi għalih. | Sindku |
| 04. | 2. | 10 | 03.9.1 | Sindku: Ċentru Sportiv - Liceo Carlo Diacono | Is-Sindku talab lis-Segretarjat sabiex jikkuntattja lill-Perit Zammit ħalli jipprovdi *compliance certificate* tal-binja sportiva tal-Liceo Carlo Diacono u Day Care Centre. | Segretarjat |
| 04. | 2. | 11 | 03.9.2 | Sindku: Tender 01/2010 Street LED Lanterns | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-garanziji li talab dwar il-lampi fit-tender 01/2010 kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti daħlu 3 garanziji minn 8. L-itwal garanzija li l-Kunsill ingħata kienet dik ta' 15 -il sena minn Justin Attard. **F'dan id-dawl il-Kunsill qabel ne.con li jagħżel din l-offerta.** | Sindku |
| 04. | 2. | 12 | 03.11.3 | Sindku: Applikazzjoni - Triq Hector Dalli | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal bozza ġdida fi Triq Hector Dalli intbagħtet lill-Enemalta. | Sindku |
| 04. | 2. | 13 | 03.11.9 | Seychell: Medalja Ġieh iż-Żejtun | Seychell informa lill-Kunsill li hu tkellem ma' Tarcisio kif ġie miftiehem u l-medalja ser issir għandu. | Seychell |
| 04. | 2. | 14 | 03.11.13 | Sindku: Tabelli ta' l-Exhaust | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser ninfurmaw lill-Perit Lara Demicoli sabiex it-tabelli tat-traffiku li jindikaw il-karozzi jipparkjaw wiċċhom 'l ġewwa tiddaħħal fil-highway code ta' Malta. | Sindku<br>Viċi-Sindku<br>Darmanin |
| 04. | 2. | 15 | 03.11.14 | Seychell: MEPA Air Monitoring Unit | Seychell talab lill-Kunsill sabiex jikseb informazzjoni dwar l-emissjoni mill-air monitoring unit tal-Mepa li hemm fi Ġnien San Girgor. **Dwar il-Bord ta' moniteraġġ tal-power station tal-Marsa, il-Kunsill qabel li għandu jkun rappreżentat fuq il-Bord. Il-Kunsill qabel li għandu jiddikjara li mhuwiex kontra l-power station il-ġdida per se iżda ma jaqbilx mat-teknoloġija li ser tintuża kif ukoll dwar il-fatt li ż-żewġ sistemi dik li tipproduċi l-enerġija u dik li tikkontrolla t-tniġġiż ta' l-arja qatt ma thaddmu flimkien.** | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 16 | 03.11.15 | Sindku: Applikazzjonijiet Clerk Part-time | Is-Sindku rraporta dwar l-intervisti li saru għal part time clerk nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar. Għal intervisti ġew tmien applikanti li minnhom kien hemm waħda li spikkat u ppreżenta rapport ta' l-intervisti. Kemm l-Viċi-Sindku kif ukoll il-kunsilliera Wille Piscopo li kienu fuq l-interviewing board ikkonfermaw u qablu ma' dak li qal is-Sindku. Is-Segretarju kien ukoll preżenti għall-intervisti. Għalhekk **il-Kunsill qabel li għal dan il-post għandu jimtela' minn RoseMarie Cassar.** Din ser tingħata sitt xhur prova li tinqasam f'darbtejn. | Sindku |

**04. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 3. 1 | | Dedicated Micros: Upgrade tal-camera fi Ġnien San Girgor | IS-Sindku spjega li l-camera fi Ġnien San Girgor qed tiġbed minn 14 -il post differenti. Trid issir konnessjoni bejn it-Tribunal u l-Kunsill b'sistema ta' ADSL internet. Dwar dan iridu jinġiebu l-permessi tal-MITTS. L-ispejjeż għal camera oħra b'4 points u floodlight bis-sensor Eur287 + Eur40/mtr cabelling. Camilleri issuġerixxa li jsiru 2 floodlights mal-ħajt bejn Ġnien San Girgor u tal-Kmandant sabiex b'hekk il-monument tal-Budaj jiddawwal. | Sindku |
| 04. 3. 2 | | ADT: One Way - Triq M'Xlokk | **Il-Kunsill qabel li għandu jitlob ir-raġuni lill-ADT għaliex l-istess Awtorita' trid li l-one way li hemm fi Triq Marsaxlokk k/m Triq San Duminku tiġi one way bil-kontra.** | Darmanin |
| 04. 3. 3 | | George Cassar: Żmein il-Ħsad | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jixtri żewġ kopji tal-ktieb "Żmien il-Ħsad" miktub minn George Cassar.** | Camilleri Seychell |
| 04. 3. 4 | | Viċi-Sindku: Każ ta' Sinjura Gerada, Qasam Ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku qajjmet l-ilment tas-Sinjura Gerada waqt il-laqgħa tal-Kunsill peress li din spiċċat ma tistax tiftaħ tieqa minħabba l-karozzi li qed jipparkjaw taħt it-twieqi tar-residenzi tagħha. Dan minħabba ċ-ċint li kien waqa' b'inċident tat-traffiku li baqa' ma sarx, ~~kif ukoll minħabba s-sigra li tneħħiet~~. **Għaldaqstant ġie deċiż li ssir ir-riabilitazzjoni tas-soft area kif kienet.** | Sindku |

**04. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 04. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 04. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 04/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**04. 5. Laqgħa Pubblika Annwali**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 5. 1 | Ma kienx hemm diskussjonijiet fuq dan is-suġġett. | | |

**04. 6.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 04. 6. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | |

**04. 7.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 7. 1 | | Sindku: Rapport -Laqgħa MTA | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill il-laqgħa li hu flimkien mal-Viċi-Sindku kellhom mas-Sur Kevin Drake ta' l-MTA. Bejn it-2 u s-6 ta' Marzu l-MTA se tospita ġewwa Malta grupp ta' studenti li qed jistudjaw biex jagħmlu xogħol fl-agenzji tal-vjaġġi. Is-Sur Drake qabel li l-MTA tgħin fit-trasport u s-servizz tal-gwidi. Is-Sur Drake ġie ippreżentat ukoll bil-proġett ta' sostenibbilta' tal-Kunsill Lokali Żejtun u dan jidher li ntogħġob ħafna. Iż-Żejtun qed ikun irreklamat ma' l-ewwel 4 postijiet f'Malta. | Sindku Viċi-Sindku |
| 04. 7. 2 | | Sindku: Pelican Lights fi Triq A Cachia Zammit | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rappreżentanti ta' l-ADT għamlu spezzjoni fuq il-post sabiex issir pelican light fi Triq A. Cachia Zammit. Ser issir spezzjoni oħra biex tiġi eliminata l-problema li sabu minħabba bus stop li hemm fil-viċinanzi. | Sindku Darmanin |
| 04. 7. 3 | | Pace: Sleeping Policeman fi Triq Toni Zahra | Pace talab sleeping policeman fi Triq Toni Zahra. It-talba ġiet milqugħa. | Darmanin |
| 04. 7. 4 | | Pace: Ġnien iż-Żgħożija | Pace ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar siringi ħdejn il-bring in sites fi Triq Toni Zahra. Hales qal li dawn anke ġieli jinstabu fil-ħamrija filwaqt li l-Viċi-Sindku ġiet avviċinata minn residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-Klabb tal-Boċċi fejn irrapurtaw problema tad-droga. | Darmanin |
| 04. 7. 5 | | Camilleri: E-councils - kors TCTC | Camilleri informa lill-Kunsill dwar il-kors ta' e-councils provdut minn TCTC. | Camilleri |
| 04. 7. 6 | | Camilleri: Żebgħa tat-traffiku | Camilleri talab lill-Kunsill sabiex issir żebgħa tat-traffiku f'toroq li qatt ma saru biż-żebgħa. | Darmanin |
| 04. 7. 7 | | Pace: Żebgħa fi Triq l-Għadam | Pace informa lill-Kunsill li ġie ikkuntattjat mill-ADT dwar żebgħa fi Triq l-Għadam. Is-Sindku spjega li dwar dan kien hemm kawża l-Qorti bejn żewġ residenti u kien hemm anke sentenza. Fil-kawża issemmiet ittra li l-Kunsill kien kiteb li jekk hemm permessi u sakemm is-sinjali huma legali, dawn jistgħu isiru. Għaldaqstant is-Sindku talab l-ADT sabiex jimxu mas-sentenza tat-2.12.09 ta' l-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco.. | Sindku Darmanin |
| 04. 7. 8 | | Camilleri: Service tad-drenaġġ | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar servce tad-drenaġġ sfrundat li għandu bżonn patching fi Triq Falkunier bejn dar l-Irdoss u Massabielle. | Sindku |
| 04. 7. 9 | | Sindku: Tender - Ġbir ta' Skart | Is-Sindku informa l-Kunsill li ser joħroġ il-kuntratt ta' ġbir ta' skart peress li l-kundizzjonijiet qed jiġu ċċarati. | sindku |

| | | |
|---|---|---|
| 04. 7. 10 | Camilleri: Patching | Camilleri informa lill-Kunsill li Triq Ħal Tarxien reġgħet għandha bżonn il-patching. Is-Sindku spjega li l-guy tal-patching bħalissa jinsab B'Bugia, kif jispiċċaw għandhom jaħdmu fiż-Żejtun. L-ewwel toroq li ser isiru huma Triq Ħal Tarxien, Triq it-Tagħlim, Triq Xrobb l-Għaġin u Triq Strejnu. | Sindku |
| 04. 7. 11 | Camilleri:Triq Daħla ta' San Tumas/Triq il-Qadi | Camilleri talab li jintemm ix-xogħol fi Triq Daħla ta' San Tumas k/m Triq il-Qadi peress li r-residenti qed jibżgħu li jidħlilhom l-ilma fil-basement. | Sindku |
| 04. 7. 12 | Camilleri: Roundabout | Camilleri talab sabiex issir humped roundabout f'salib it-toroq ta' Triq Bugħarbiel/Triq Felicia Abela/Triq it-Tempju. Is-Sindku qal li l-aħjar li inġibu l-permessi ta' TM. | Darmanin |
| 04. 7. 13 | Seychell: Triq San Girgor k/m Triq Santu Wistin | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-wiċċ ta' triq fi Triq San Girgor k/m Triq Santu Wistin peress li dan nieżel. | Sindku |
| 04. 7. 14 | Seychell: Tfiegħ ta' skart | Seychell semma l-problema ta' skart akkulumat fi Triq l-Ispirtu s-Santu. Is-Sindku spjega li la jibdew jiffunzjonaw il-green wardens dawn ser jingħataw ismijiet ta' toroq speċifiċi sabiex isir sorveljanza min-naħa tagħhom. | Segretarjat |
| 04. 7. 15 | Seychell: Arbli bla użu | Seychell reġa' ġibed l-attenzjoni dwar arbli bla użu li baqgħu ma tneħħewx fi Triq Dun Spir Grixti u Triq id-Duluri. Is-Sindku żied li hemm ieħor fi Triq Ramla. | Segretarjat |
| 04. 7. 16 | Seychell: Kunċert tal-Milied | **Il-Kunsill qabel li l-kuncert annwali din is-sena jsir nhar it-22 ta' Diċembru bil-parteċipazzjoni tal-Joy Gospel Singers.** | Seychell |
| 04. 7. 17 | Seychell: Laqgħa tal-Papa | Seychell irraporta l-laqgħa li attenda dwar iż-żjara tal-papa li fiha ġie indikat minn liema toroq ser jgħaddi l-Papa. Dan ser jgħaddi minn Tal Barrani u gie innutat sprall srundat qabel l-indikazzjoni ta-camera. Ġie deċiż li b'konsultazzjoni mal-Parroċċa isir banner b'messaġġ lill-Papa. | Sindku<br>Viċi-Sindku<br>Segretarjat |
| 04. 7. 18 | Viċi-Sindku: Żjara mir-Rabtin | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li nhar it-23 ta' Frar 2010 ser iżuru ż-Żejtun grupp ta' anzjani mir-Rabat. | Viċi-Sindku<br>Seychell |
| 04. 7. 19 | Viċi-Sindku: Programm "Vespri" | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk saritx xi nominazzjoni dwar xi żagħżugħ mill-Kunsill Lokali fuq il-programm "Vespri". La s-Sindku u lanqas is-Segretarju Eżekuttiv ma jafu b'din in-nominazzjoni. | |
| 04. 7. 20 | Viċi-Sindku: Ġbir ta' skart | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar persuna mhux awtorizzata li qed thabbat il-bibien tar-residenti biex jiġbrilhom il-borza ta' l-iskart. Dan qed ikun mat-trakk ta' Frans Said. Is-Sindku wieġeb li din il-persuna diġa' ġiet imwissija biex ma tibqax tiġbor l-iskart. Il-Viċi-Sindku ġibdet ukoll l-attenzjoni dwar l-iskart li qed jitpoġġa barra wara l-ħin tal-ġbir minn Richmond Foundaton fi Triq San Girgor. Is-Sindku diġa' tkellem mal-persuni li jaħdmu f'din il-fondazzjoni sabiex dan l-abbuż jinqata'. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 7. 21 | Hales: Siġra fi Triq Taċ-Ċawsli | Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar siġra fil-periklu li taqa' fi Triq taċ-Ċawsli. L-applikazzjoni mal-MEPA diga' saret min-naħa tal-Kunsill. Ser isir tentattiv ma' Dr Chris Said sabiex jitħaffef il-proċess min-naħa tal-MEPA. | Segretarjat |
| 04. 7. 22 | Hales: Ilma tal-ġibjuni | Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' ilma fil-ġwiebi. Dan peress li l-ilma tax-xita naqas. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb li l-ilma mill-ġibjuni ikun l-ewwel għall-ħtiġijiet tal-Kunsill.** | Sindku |
| 04. 7. 23 | Hales: Pots tal-Pjazza | Hales reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jinbidlu l-pots tal-pjazza imkissrin. | Sindku |
| 04. 7. 24 | Hales: Manutenzjoni tal-Ġonna | Hales talab sabiex issir il-manutenzjoni fuq Ġnien Mikiel Anton Vassalli. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fil-10.50pm. Laqgħa oħra ser issir fit-4 ta' Marzu 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv